# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeùġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**155. 2 ta' SETTEMBRU 1911. IT-TIELET SENA**

FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

## L-ILSIEN TALJAN F'MALTA.

Is-Sur Neric Mizzi, dac iż-żagħżugh intelligenti u kalbieni li kieghed fl-Italja jicteb u jitħabat tant biex l-ilsien taljan, il-lingúa ta'ċ-civiltà tagħna, ma tiġix nieksa minn fostna, ġie jarana u bi ħsiebu jkatta il vacanzi magħna L-unuri li bihom ġie milkugħ f'Ruma m'il aħjar nies għall chitba tiegħu jagħmlu ucoll unur lil pajjisna billi b'hecc nuru dejjem li meta il Maltin ijmorru f'pajjisi oħra ma jibkgħu xejn l-ura actar minn ħaddieħor. Ma għandniex fl-Università ta' Padova, f'loc il cbir De Giovanni, l-intelliġenti Professur Malti Demetrio Roncali, bin l-Imħallef, li da'l ġranet ħareġ opra ta'l medicina li sgur tgħaġġeb l'id-dinja collha?

Is-Sur Mizzi tani nakra l-articolu li chiteb frisc frisc f'ir-«RASSEGNA CONTEMPORANEA» ta' dana ix-xahar, u li hi l-akŭa rivista taljana li hemm u li fiha jictbu l-aħjar professuri ta'l Università, l-akŭa deputati u l-aħjar chittieba taljani. Li jiġi mistieden, bħal ma ġie, biex jicteb f'Rivista ta' importanza bħal din hi ħaġa li turina li f'Ruma jgħożżu ħafna il chitba u l-intelliġenza tiegħu għad li il *Malta Herald* biex jattaccah da'l ġranet għajjru li għadu *student.* Mizzi student actar ma għadux għaliex spiċċa il cors collu ta' Avucat u ma jonksux ħlief jieħu il-Laŭrja; u b'dana collu x'għandu x'jaksam li tcun student jeŭ b'il leħja bajda, jecc ġo Ruma ijsejjħulec bħal ma għamlu lil Mizzi biex jati conferenza f'it-*Teatro Argentina* fejn kala ħafna applaŭsi, biex ijdaħħluh membru f'il Cumitat biex jilka l'ir-Re meta mar jara l-Esposizjoni u biex jicteb fl-akŭa rivisti? F'Ruma jafu li għadu żagħżugh ħafna u li chien f'il cors ta'l Liġi iżda ħarsu lejn ħiltu u m'hux lejn daŭc il ħmerijiet li inbatu bihom tant żmien Malta bħallichiecu is-snin jeŭ ix-xagħar abjad joħolku il għerf jecc ma jcunx hemm intelliġenza.

Imma *non ragioniam di lor* u nduru għal dac li chiteb Mizzi f'in- «RASSEGNA CONTEMPORANEA.» L-articolu jismu «*L'Italia e la Questione Maltese*» u jieħu għal sbatax il facċata ġmielhom. F'il bidu insibu dac li chitbet il gazzetta ingliża L-OBSERVER fejn ŭiddbet lill Ingilterra illi Malta hi ŭaħda m'il akŭa fortizzi li għandha u għalhecc ma għandiex timxi ma'n-nies tagħha ħażin, għaliex jecc issa f'ŭakt il paci ma'n-nazjonijiet l-oħra ijcollhom jibcu u jistabru iżda jbejjtuna f'kalbhom u ma l-eŭŭel gŭerra li jcollna f'il Mediterran jistgħu il Maltin ijsiru l-għedeŭŭa tagħna u jfixcluna ħafna. Kal ucoll li aħna għandna ŭaħda m'il actar stejjer glorjusi ta'd-dinja jiġifieri li ma aħniex ġŭejjef għaliex għarafna għacchisna in-Nofs Kamar fl-Assedju il Cbir u il Franciżi fi żmien Napuljun fejn conna ŭieħidna u ħadniha ma'l akŭa nazzjon li f'dac il ŭakt chienet taħchem id-dinja. U dana il parir li tahom u ta' ŭieħed b'il għakal ħafna u li jħobb l-Ingilterra tasseŭ.

Actar il kuddiem is-Sur Mizzi, li bi ħsiebu jicteb fl-istess «RASSEGNA» ħafna articoli fuk dina il qûestjoni, f'dana l-eŭŭel articolu mar ijgħid x'tista tagħmel l-Italja biex l-ilsien tant sabiħ tagħha ma jinkeridx chif ġieb u laħak minn ġo nofsna. Beda biex kal li l-Ingilterra għandha bżonn b'il forz il ħbieberija u il għajnuna ta'l Italja f'il Mediterran għaliex dana għal l-Ingilterra hu il-lum it-triek għal l-Eġittu u għal l-Indja u jecc ma jħalluhiex tidħol u issaltan fih jicsrulha sakajha għaliex m'hux talli titlef l-akŭa setgħa li għandha fuk l-Eŭropa iżda jbiegħduha ħafna ucoll m'il akŭa colonja li għandha—l-Indja.

L-Italja kiegħda seŭŭa seŭŭa f'nofs il Mediterran u b'il flotta u il portijiet tagħha tista tgħin jeŭ tfixchel ħafna lil l-In-

*logu* u l'akŭa *Letterat* tad-dinja u ma icollux il ħeġġa isaŭŭar bla tkanżiħ erba' versi poeżija! Alla ikassam il biegħa!

Ma nokgħodx ngħidlec, haŭn, f'gazetta bil Malti, li Dante Alighieri, is-Sultan tal Poeti collha, u it-Tassu, u l'Arjostu, u il Gjusti, u il Leopardi, u il Carducci, u il Páscoli, u tista tgħid il chittieba taljani ta cull żmien għandhom *rimetti* ŭisk actar imtarrfin minn dic l'imsejcna tiegħi. Imma il Professur Vassalli u Annibale Preca, li bakgħu dejjem l'aħjar żeŭġ Poeti tagħna (għax poeżija, bħalma għedna, ma tfisserx biss *cliem imkabbel* u *versi magħdudin*), għandhom *tieka* imkabbla ma *diekħa* (*diek il ġbejna*, fejn il Mostin u il Għŭiedxi actar ma huma *baxxi* actar isemmgħu dic l'ittra *h*, li *in-nies tal bliet u tar-rħula kribhom* ma jatuha ebda leħen), *insib* ma *tgħib*, *ħbit* ma *tgħid*, *vìsta* ma *nista*, *ħobb* ma *copp* u saħansitra *impieg* ma *triek*. U Dŭardu Cachia, li fil ħsiebijet u fil kaŭŭa ma chienx cbir daksħom, għax ma chellux il għerf u it-tagħlim taħħom, imma chien jicteb bi ħleŭŭa u b'ħeffa tal-għageb il versi kosra, kabbel *Dirgħut* ma *imut*, *riħ* ma *mistrieħ*, *biha* ma *għalija*, *irid* ma *igħid!* Chif chien li katt ma għedtilhom xejn?...

Tas-seŭ li, jecc ~~takra~~ din l'aħħar biċċa tal ittra tiegħi lil xi kassis, iŭieġbec: *Adducere inconveniens non est solvere argumentum!* Ngħidu aħna bil Malti: *Xtŭr l'oħrajn ma iseŭŭix xturna!* Imma, ħabib għażiż, ix-xirca tal Cbar dejjem tfarraġna fil hemm tagħna! Dejjem tiegħec,

G. MUSCAT-AZZOPARDI.

## TLAKKIT.

—L-aħħar darba semmejtilcom ħafna casijiet ta' nies li difnuhom jeŭ chienu sejjrin jidfnuhom ħajja. Ma daŭna irrid inżidilcom dac ta'l Contissa Irene Schaleyty, ta' Staraja-Rousse, f'ir-Russja, li fl-1894, għal ftit ma difnuhiex ħajja.

Dina chien ilha marida ħafna u fl-aħħar tata għaxŭa li damet mitlufa biha għal seba t-ijiem sħaħ. It-tabib ta'd-dar żamm jebes għaliex ried ijgħid li ma chienetx mejjta, iżda ŭara seba t-ijiem li ma raŭhiex stenbħet il familja sejjħet consulta ta' tobba oħra u daŭna kalu li chien ilha mejjta ħafna. F'il ħin li chienu kiegħdin ijniżżluha f'il kabar semgħuha tgħajjat u tħabbat u għalhecc ġiet salvata minn meŭt l-actar cherha għal ftit mumenti biss!

L-aħħar darba tchellimt magħcom ucoll fuk it-tebut li ivvinta il Conti Pollacc Karnici biex ma jistgħux jiġru minn daŭna il casi. Chien hemm xi uħud li staksewni chif-inhu magħmul u jiena billi staksejt lil min rah u lil min daħal fih biex jippruvah stess sejjer infehimcom xi ħaġa aħjar fuku. Dana hu ta'l ħadid smaltat u f'il ŭiċċ tiegħu seŭŭa seŭ fejn jaħbat il ħalk hemm bħal tubu, bħal cumnija żgħira ta' vapur li tinsadd b'mod li minn ġo't-tebut ma tista toħroġ l-ebda rieħa. Iżda malli dac li jcun ġo fiha jieħu nifs imkar l-actar żgħir il biebа ta' fuk dina iċ-ċumnija tinfetaħ ŭieħidha u għalhecc lill midfun tidħollu minnufih l-arja u id-daŭl. Malli jiċċaklak jibda jdokk ŭaħdu bħal sveljarin li jinstama m'il bogħod ħatna u tibda ucoll tperper bħal bandiera biex jaraŭha tiċċaklak m'il bogħod, sa chemm xi ħadd jintebaħ u jiftħulu biex joħroġ. F'dina il caxxa il mejjet ma jibkax midfun dejjem iżda biss għal xi ħmistax il ġurnata meta jiftħuha u jecc ijsibu il ġisem li beda jinten seŭŭa jidfnuh għal collox f'tebut ta'l għuda bħal ma jagħmlu issa iżda jecc jaraŭ li għadu ma nitenx jarġgħu jħalluh f'it-tebut li semmejna sa jinten il catavru jeŭ ijkum. Caxxa tkum għoxrin lira biss u ma nafx għala il Gvern tagħna ma jixtrix xi nofs tużżana għa'ċ-Ċimiterju.

STIEDINA
LILL POPLU TA' RAĦAL ĠDID
NHAR IL FESTA
TA'

## SANT' UBALDISCA VERĠ'NI

F'IS-26 TA' AŬŬISSU.

Idħol, poplu, farraġ kalbec—Ġeŭŭa 't-Tempju ta'l Cbir Alla,
Fejn il bħur * ma'l għana ħelu—Lejn is-sema ke'd jittalla.

Tgħaxxak, poplu, f'din il għodŭa—Ara 'l Cristu f'Sebħ il Ġenna,
Ŭiċċu ħieni, bħa'x-xemx jiddi,—L-Ubaldisca ked jittenna...

Ubaldisca chienet tŭieldet—F'Calcinajja, barra 's-sŭar
Ta's-sabiħa belt ta' Pisa,—Minn furnari l-iżjed fkar.

Meta chellha tnax il sena—Rat fi ngħasa l-Anġlu t'Alla,
U chif chien mibgħut m'is-sema—Lilha nebbaħ billi kallha:

—« Mur minn Pisa fittex l-Ordni—Ta' San Ġŭann f'cunvent bi sptar,
Idħol soru u dur b'il morda—Triek għa's-Sema m'hemmx aħjar,»

—«Chif katt nista' nagħmel dana—Jecc jien fkira? Min jilkagħni?»
—«M'intix fkira, għież int għandec,—Id-draŭŭiet is-sbieħ. Ismagħni.

Inti biss għoġobt l'is-Sema,—Inti nħtart minn tant xbejbiet
Biex il belt ta' Pisa teħles—Minn ħsarat u mardijiet.»

Ubaldisca ġriet għand niesha—U għarrfithom, x'semgħet, x'rat;
Daŭc ħalleŭ fir-rieda t'Alla;—Binthom bdiet in-novizzjat.

Ubaldisca tat il chelma—Lil Ġesù sa minn żgħuritha,
Għaliħ għarfet tgħożż u thares—Il fjur safi ta' xbubitha.

Għaxet ħajja tŭila u tajjba,—Ħajja mżejjna b'cull kdusija,
Sa chemm Alla lilha sejjaħ—Ġeŭŭa il Ġenna għa't-tħennija.

Bħal ħamiema ruħha, 'ttajjret—Lejn it-tron ta'l Għarus tagħha,
Li ġa rajtu f'Sebħ il Ġenna,—Ŭiċċu ħieni se'r jilkagħha...

Ara, x'dija hemm ma' dŭarha!—Ar' xi ġmiel żdied minnufih!
Iscot, isma ftit xi ħleŭŭa!—Isma, x'cant chemm hu sabiħ!

«Veni veni Sponsa Christi,»—Is-Smeŭŭiet jitgħaxxku bic,
Ejja u ilka 'l ħlas imŭiegħed,—Ilu żmien merfugħ għalic.

«Veni, veni, Electa mea»—Fuk it-tron Ġesù jsejjħilha,
«Veni, et accipe coronam,»—U f'il ŭakt tieġ ** ijxiddilha.

Haŭn il ktajja cbar ta'l Anġli—Lilha jatu cull tifħir,
U ma' tul il għodŭa collha—F'is-Smeŭŭiet ijsir għid cbir.

Mela, jixrak li f'd'il għodŭa,—Li tfaccarna f'dan il għid,
Li il ferħ jidher f'ŭiċċ il poplu—Ta' da'ċ-ċchejchen Raħal Ġdid.

E. CACHIA.

* Incens.

** Tieġ, hu il curuna li dari chienet tiżżejjen il għarusa biha nhar il għors tagħha.

Nihil Obstat—Die XIV Aug. 1900—I. CAN. FORMOSA—*Cens. Theol.*

# IL CURA TA'S-SAŬM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

Minn « *North American* » nieħdu il cas ta' LEONARD THRESS li sam ghal **hamsin ġurnata** u fiek minn marda li chienet ġa ghoddha carcritu ġo'l kabar. Dana jokghod ucoll f'Filadelfja, 2,618 Frankford Avenue, u ġie meghjun f'is-saŭma m'il Mr: Ritter li ġa semmejna. «*He has just finished a fifty days fast. It saved his life. When he began it he was on the brink of the grave and his physicians had abandoned hope. When he ended it he was in better health than he had enjoyed for years.*» Beda b'209 libbra, iġifieri libbri ankas milli chien beda Mr: Ratbun fl-eŭŭel saŭma u baka nieżel sa' 133 libbra tista tghid fejn bdiet Miss Kuenzel is-saŭma taghha biex ġebbdet il 45 jum taghha. Mela inghoddu il 50 ta' Thress ma'l 45 ta' Kuenzel u naraŭ li ma hix ħaġa ta'l ghaġeb li bniedem ijġebbed mitt ġurnata bla ma jiecol. Thress tilef b'collox 76 libbra. Chellu 57 sena; meta chien f'il Grand Army Encampment f'Buffalo, fl-1898, ħa bronchite kaŭŭija. Dam sena marid u fl-aħħar iffaċċat l-idropisija. F'il Milied ta'l 1899 chien imgharrak seŭŭa u lankas chien jista jimtedd f'is-sodda iżda chien kieghed ijkatta l-imsejcna ħajjtu fuk pultruna. It-tobba katghu kalbhom u erħeŭh ghall meŭt. «*His doctors exhausted their skill in the effort to bring relief, and eventually, in the early part of last January, they told him that their medicines refused to act, aud that his death was a question of only a few days.*» Ghad li ma chienx jemmen biha iżda billi jiesu chien maktugh ghal collox beda is-saŭma f'il 11 ta' Jannar 1900. Chien jieħu bħala purgant il *Henzel's Salt* u ġie li chien jaghsar xi arinġa jeŭ lumija. Sa 25 jum ħa ucoll mistura b'il ferru iżda daŭna fihom sustanza ŭisk żghira li ŭieħed jista ma jghoddha xejn. Tliet t-ijiem ŭara li beda is-saŭma chien ġa jiflaħ jitla fuk biex jorkod f'is-sodda u beda jkatta rieked lejlu collu. «*From that time on his vitality grew greater and on January 22 (f'il ħdax i! ġurnata) he left the house and took a half mile walk.*» Ma't-tliet ġimghat saŭm l-idropisija ma chienetx ghada tidher actar u ghalhecc beda jaghmel mixja tŭila cull jum u ġie li mexa sa ħames mili u katt ankas minn tnejn. Fl'eŭŭel ta' Marzu iffaċċa il ġuħ u ghalhecc chiel ftit ġlatina ta' siek-il-majjal b'il ħobż u il butir. L-aghda chiel patata, caboċċi, ġlatina ta'l majjal, cunserva ta't-tuffieħ, u ħelu b'il crema! u pejjep sigarru b'il kalb. «*Thress declares that all his ailments have left him and that he never felt healthier and heartier in his life.*»

Thress actar ma beda jidħol il ġeŭŭa f'is-saŭma actar beda jimxi tant li jecc fl-eŭŭel ħdax il ġurnata ma mexa xejn f'il ġranet l-oħra mexa 65 mil. Pis laħak tilef erbgha jeŭ ħames libbri cull jum u ŭara l-eŭŭel nofs mil li mexa (22 ta' Jannar) tilef sitt libbri f'dakka; iżda il ħaġa curjusa hi dina li m'it-8 sa'l 15 ta' Frar (seba t-ijiem shaħ) ma tilef **xejn** fihom billi baka jiżen dejjem 145 libbra ghad li fihom mexa fuk il ħmistax il mil. M'iż-17 sa'l 20 baka ucoll ta' 140 libbra bla ma tilef xejn iżda f'daŭna ma mexiex; m'it-22 sa's-27 (ħames t-ijiem shaħ) ma tilef xejn pis billi baka ta' 135 libbra u fihom mexa sitt mili; u m'is 27 sa l eŭŭel ta' Marzu collu (3 t-ijiem) baka ta' 133 u mexa fihom żeŭġ mili. Minn dana naraŭ li il ġisem ta'l bniedem m'hux biss jista ghal żmien tŭil ijghix bla ichel, iżda jista jdum bosta ġranet (18 f'il cas ta' Thress) ijghix bla ma jitlef pis u m'hux ta' dan iżda jaghmel fihom mixi tŭil ucoll. Fl-eŭŭel ħdax il ġurnata li fihom ma mexa xejn tilef 23 libbra pis; f'daŭna it-18 il jum li fihom mexa 23 mil ma tilef l-ebda pis!

M'iċ-«*Chester County Times*» li id-Direttur taghha A. H. Potts jemmen ħafna b'il cura ta's-saŭm, nieħdu li ra lil Mr: Thress kabel beda is-saŭma «*there sat in his home L. Thress with dropsy, hopelessely given up to a speedy death by the many physicians he had vainly sought and paid well for relief. His limbs were at the bursting point, and the water was close up to the top of his chest. He could not lie down...*» Fl-aħħar ġranet Thress beda jaħdem ta' furnar ghaliex dina chienet issengha tieghu u lejliet laħħar ġurnata ta's-saŭma ħadem ghal sitt sieghat u mexa tliet mili (*on the previous day, as well as on many others days, that man had walked three miles after six hours given to his business as a baker which he now attends to personally.*» u dana ŭara li chien ilu 49 jum sajjem u ŭara li chien ghadu jkum minn dic il marda collha. «*All traces of dropsy have disappeared.... His eyesight has grown younger* (bħal ma ġara il Rathbun) *and his hand is firm.... he sleeps soundly... and is almost a cured man....*» u ŭara dana jispiċċa l-articolu billi jŭiddeb lil daŭc li jakbdu jidħku u jghidu il ħmierijiet meta jisimghu b'dina il cura ta's-saŭm billi jghidilhom: «*no one should pass an opinion on the matter until they read Dr: Dewey's* «**New Gospel of Health,**» *wherein the reasons are made so plain that all can understand*» Dr: Dewey ijżid ijgharrafna li Mr: Thress fiek ghal collox u raġa talla il pis b'ferħ cbir tieghu u ta' cull min chien jafu ghaliex dina il cura tasseŭ li salvatu m'il garġi kalila ta'l Meŭt. «*Mr: Thress has regained his normal weight and has been in the best of health in the several months since the fast.*»

* * *

Cas ieħor ta'l ghaġeb nieħdu m'il «*No-Breakfast Plan and Fasting-Cure,*» faċċata 153, li hu dana. Ŭaħda Sinjura, Mrs H. B. ta' 76 sena, chellha **kalbha maħsusa** minn ħafna snin u ghalhecc chellha ucoll ktiegh ta' nifs u idropisija tant li ghajnejha minfuħa bl-ilma ma chienux ijħalluha takra u griżmejha minfuħa ucoll bl-ilma ma chienux ijħalluha tibla. Ma ġisimha collu chellha bħal bŭiet mimlija bl-ilma ghaliex il ġilda rħiet collha. Ħadet rieħ kaŭŭi li katghilha il ġuħ ghal collox u ghalhecc bdiet issum bla ma taf ghala. Ghaddeŭ ħmistax il ġurnata u l-ilma beda sejjer u is-saħħa ġejja. Bdiet titla it-taraġ, nifsha ma bakax maktugh u bdiet tista tibla. Ghalhecc bdiet tiecol darba biss cull jum u **kalbha fieket ghal collox.** «*Sinee there have been five years without any recurrence of the conditions—five years of remarkable general health and girltime relish for her daily food.*»

* * *

Fl-istess ctieb, faċċata 154, insibu imsemmija is-saŭma ta'r-REVERENDU C. H. DARLYMPLE ta' Hampden f'Massachucettes, fl-America. Dina spiċċaha f'il 5 ta' Frar 1900 u damet **disgħa-u-tlietin ġurnata u nofs**. Chisirha b'il bajd imgholli u il ħobż mixŭi. M'is-saŭma ma bakax jieħu rjieħ. «*I have had no chills nor fever this winter nor colds of any form.*»

Chien jaħdem b'il kalb collha u ħass ruħu tajjeb ŭisk aħjar minn kabel. «*I have never worked harder.... I would work all day long finally. It was good to get well.*»

* * *

Mr: Ritter li semmejna mexxa fuk ghoxrin saŭma fuk ħbieb tieghu fosthom ta' Mr: A. H. sa 45 jum; ta' Miss B. H. sa 42; ta' Mr: L. sa 38; ta' Mr: L. W. sa 36; ta' Miss L. J. sa 35; ta' Mrs M. sa 31; ta' Miss E. S. sa 26; ta' Mr: G. R. sa 25; ta' Mr: P. R. sa 24; u is-saŭma importantissima ta' MISS E. WESTING **sa 42 jum** u li fl-40 ġurnata marret il chisja tcanta b'leħen kaŭŭi u ħelu li ma bħalu u li ma tul is-

saũma collha ma tilfetx jum ũieħed biss li ma ghallmetx il cant ghaliex hi is-sengha taghha. Bdiet b'110 libbri pis u niżlet sa 93 u b'hecc ġiet tilfet sbatax il libbra; iġifieri meta chienet tiflaħ tmur il cnisja tcanta chienet 117 il libbra ankas minn meta Mr: Rathbun beda l-eũiel saũma tieghu u ma mietetx. U fuk daũna is-saumiet Dr: Dewey ijghidilna:— «*These fasts went on with only increasing comfort by day and more refreshing sleep at night.* »

Jiddispjacini li f'daũna il curi m'hux cullħadd ijrid li ismu jidher f'il gazzetti. Mistħija sbaljata ghaliex meta ũieħed ijcun jaf min hi il persuna imtejjka jcun jaf actar jecc ghandux jemmen jeũ le u b'hecc la jcun hemm il verità jista jsir actar ġid lil proxxmu. Chemm chien ijcun aħjar chiecu fuk daũn il ħafna casi li semma Mr: Ritter ũieħed sata jaf bosta ħũejjeġ bħal ma sirna natu fuk l-oħrajn li semmejna !

* * *

Dr: Dewey, fl-istess ctieb, faċċata 159, ijsemmi il cas ta' ũaħda mara li hu chien jafha tajjeb (*whom I knew well*) li iġġenn'net u ħaduha il Manicomju u il ġenn taghha chien icreħ tasseũ tant li tat is-salt chemm il darba biex tneħħi ħajjitha. L-istoncu taghha intebak u ma riedet tiecol xejn milli taũha it-tobba u ghalhecc daũna ħasbu li riedet tekred ħajjitha billi tmut b'il ġuħ, ghalhecc kabbdu l-irġiel ijżommuha u b'il forz b'it-tubu daħħlulha l-ichel minn imnifsejha. Meta raũ li ma setghux ijsibu ircaptu taghha u ma riedet bla ebda mod tiecol telkughha minnha l-Alla u din chienet il fidũa taghha. Malli bdiet ma tiecolx bdiet tiġi f'sensiha u ma tul ftit xhur dina il mara, kaũũija u sħiħa, reġghet marret lejn darha «*and with restored mind to tell me of the violent feedings she had endured* (Dr: Dewey). Dana il famus tabib ijħakkak chemm jiflaħ li IL VERA CURA T'AL ĠENN HI IS-SAŨM (*fasting is the true medicine for the mind diseased)* u fuk dana jitħaddet f'it-tul f'il ctieb «*The No-Breakfast Plan*» u ghalhecc nitlob lil cull min ghandu xi miġnun li jiġi minnu jeũ hu imnissel minn razzet l-imġienen li jixtrih u jakrah tajjeb. Scond Dewey, il ġenn jintired u ũieħed ijcompli jgharrku billi jiecol ħażin u iż-żejjed u b'hecc ijghejji il moħħ u jirritah sa chemm jitlef ir-riedni ghal collox.

Ghaldakstant jaghmlu ħażin ħafna f'il Manicomju li jġieghlu lil imġienen jieclu ħafna b'il forz allavolja ma jcollhomx ġuħ u allavolja ma jcunux kieghdin ijchiddu ġisimhom billi jcunu mixħuta f'is-sodda.

* * *

Dr: Dewey, fl-istess ctieb, faċċata 170, ijsemmi mara li samet ghal **erbgha-u-erbghin ġurnata** u li fihom tilfet 40 libbra. Fukha jghid:—«*When the point of natural hunger was reached I have found a mental condition in every way the most highly satisfactory. I never saw brighter eyes, a happier expression on every line, than revealed by this woman:*» Li il moħħ meta isserraħ l-istoncu m'ix-xoghol ta'l ichel jieħu ir-ruħ ġarrabtu jiena ucoll ghaliex katt ma ctibt u krajt b'il kalb daks daũc il ġranet li fihom cont sajjem u fihom ctibt bosta m'il aħjar faċċati li ghandi f'is-«Saħħar Falzun.» Jiena ilħakt nokghod fuk l-iscrivanija ghal tnax il siegha sħaħ bla ma neghja nicteb, jeũ naħseb u ghalhecc lil daũc iż-zaghzagħ li jcunu jridu jaghmlu xi eżamijiet f'loc li jintleũ ta' cull ħin b'il flippijiet u is-sustanzi, nirraccomandalhom saũma ta' ħmistax il ġurnata ghaliex jiena sgur li jaghmlu eżamijiet b'il bosta aħjar u jħasslu dac il ħin collu li chiecu jitilfu fl-ichel.

* * *

Jecc ũieħed ijnakkas l-ichel seũũa b'mod li ma jcunx ijdaħħal daks li jcun kieghed jonfok minn ġismu jcun kieghed ijsum ucoll bla ma jintebah. Dewey, fl-istess ctieb, faċċ: 173, jsemmi cas ta' barbier li chien laħħak il pis li jũaħħax ta' 375 libbra. Meta dam sena jiecol darba biss cull jum u ħafif niżżel 75 libbra u beda jarġa jista jimxi u joħroġ m'id-dar gha'x-xoghol tieghu. Chiecu dana ried ijsum seũũa, bla ma jieħu xejn ħlief ilma, chien jista jdum sajjem ghallankas ghal DISA XHUR SHAH bla biża ta'l meũt xejn jecc m'hux actar !

* * *

F'il faċċata 173 ta'l istess ctieb Dr: Dewey jarġa jsemmi lil Miss Kuenżel dic li chienet il Manicomju—u ũara li samet fieket u jghid li ũara is-saũma ma bakghetx maghluba bħal ma chienet kabel iżda żiedet 24 libbra pis u ħaġa actar ta'l ghaġeb ghajnejha tant tjiebu li ma chellhiex bżonn tuża in-nuċċali actar ! «*She writes of a gain of twenty-four pounds since the fast, and states that the glasses she has worn for thirteen years are wanted no longer !* » Mela il cura ta's-saũm hi m'hux biss tajjba ghal min hu smin biex joghlob iżda ucoll ghal min hu maghlub biex jismen u ħaġa li iġġiblec ghajnejc ũara ũidnejc hi l-aħjar cura biex issaħħaħlec ghajnejc u xi dakkiet saħansitra li ma jcollocx bżonn in-nuċċali actar. Milli ghidna s'issa dina il biċċa li il ghajnejn jitjiebu sibniha msemmija f'bosta saũmiet u ippruvajniha aħna stess u ghalhecc ghanda tcun mibnija fuk il verità. Mur oħlom f'mitt sena li biex issaħħaħ ghajnejc trid issum ! Malli xi tobba maltin jisimghu dina il bomba tfakka sgur li jkattghu il ũarrant ghaliex jintebħu li ghadhom ma jafu xejn !

* * *

F'il faċċata 138, ta'l istess ctieb, Dr: Dewey ijsemmi il cas ta' Editur minn Warrensburg Illinois, fl-America, li miet ũakt is-saũma u li cullħadd, saħansitra tobba, riedu jghidu li miet b'il ġuħ; iżda meta ghamlulu li sbarr sabu li chellu il marrara marida u li chien miet biha. Katt ma ghandcom taħsbu li billi il cura ta's-saũm hi tajjba chemm hi li ghandha taghmel il miracli u li jecc bniedem ijcollu ġa taħdem ġo fih marda li ghandu b'il forz ijmut biha ghaliex tcun daħlet il ġeũũa bosta, is-saũma ghandha issalvaħ sgur. F'cas ieħor, fejn ũieħed ma tul il marda ma chielx u miet sabulu l-istoncu tant marid li chien ċchien m'it-tlieta ũaħda talli jmissu jcun cbir. F'dana id-Dr: Deway intebaħ b'ħaġa li tghaġġeb u ta' ħtieġa cbira f'ix-xjenza iġifieri li meta miet chien tilef actar m'il ħamsin f'il mija ta'l pis normali tieghu u moħħu chien ghadu tant ċar li sata jaghmel it-testment ! ! !

* * *

F'il faċċata 190, insibu msemmija is-saũma ta' MRS HERMINA MEYER, ta' 1233, North Howard Street, Philadelphia. F'il «*Press*» ta's-7 ta' Mejju 1900 nakraũ ucoll fukha. Dina chien ilha fuk sena marida b'ir-**reũmatismu cronicu**. It-tabib ta'd-dar ghamel cull ma sata iżda ma irnexxielux li jfejjakha. Meta rat hecc tchellmet ma' Mr: Thress u ma' Mr: Ritter u bdiet is-saũma. Sa ħamsa u ghoxrin jum ghaddiet tajjeb ũisk tant li bdiet iddur ma'l camra ħaġa li chien ilha ma taghmilha ġmieghi sħaħ. Iżda haũn kabadha vomtu cbir li ma sata jżommu b'xejn. Izda riedet tcompli is-saũma u hecc ghamlet sa laħħket is-sitta u tlietin ġurnata meta kabadha il ġuħ u taũha tiecol ftit «*oatmeal porridge*» (Quaker Oats imsajjar tajjeb bħal ghasida billi dana jsostni ũisk), iżda il vomtu compla. Sejjħu lil Dr: Chestnut li chien it-tabib ta'd-dar u ħada taħt idejh iżda ma sata jżommilha il vomtu b'xejn u ghalhecc tliet ġimghat ũara li chisret is-sauma mietet f'is-26 ta' April 1900. Mela damet b'xejn ghal 57 ġurnata u fihom tilfet 50 libbra billi meta bdiet chienet tiżen 150 libbra u meta mietet 100 biss. B'il ġuħ ma setghetx tmut sgur ghaliex chienet ghallankas trid tinżel sa'd-90 libbra u taħthom. (*Tissocta.*)

# IS-SAHHAR FALZUN.

*( Jissocta minn numru ta' kabel. )*

Dana ix-xüejjaħ ta' kalb tajjba meta raħ dieħel f'dic is-sura u b'ghajnejh donnhom minfuħa b'il bichi, intebaħ li chien ġralu xi ħaġa mghaüüġa u ghalhecc ħadu b'actar ħleüüa minn dari. Staksiħ fejn chien u Hamid üieġbu li chien żammu Patri Damjan f'il Cunvent. Is-Sur Kalamias ma feħmux b'iż-żejjed u ghalhecc raġa staksih b'il ħleüüa collha x'kaghad jaghmel. Hamid baxxa rasu u nfexx jibchi. Ix-xüejjaħ actar tħaüüad ghaliex ra li chien hemm xi ħaġa mħaüüda. Taptaplu fuk spalltu, kallu li hu chien ijħobbu bħal ibnu u li ma chellux ghax ijħabbel rasu f'id-dinja ghaliex chien ħaseb ghalih seüüa, u talbu biex ijterragh kalbu mieghu ghaliex hu b'il ħafna snin tiġrib kalil ta'l ħajja li chien ghadda minn fuku sata jatih xi ftit ta'd-daül jeü ijfarraġlu ftit kalbu.

Hamid kaghad ijtalla u jniżżel, ghal xi żmien, jecc ghandux ijtenni dac li kallu Patri Damjan jeü le; iżda meta ra li dac l-imsejchen xüejjaħ, li xejn ma chien ijħossu bħa, kieghed fuk ix-xüiec biex ijcun jaf x'inkala, kalbu ma tatux li jħallih b'dic ix-xeüka collha u f'il ħin li raġa nfexx jolfok tennielu, fi ftit cliem, dic il ġrajja ta' nichet collha li chien sama minn ghand il Patri. Tasseü li hu minn xi nofs cliem ta'l Hachem u ta' Patri Damjan chien xamm li fuk Hamid chien hemm xi ħaġa misterjusa; chien f'id-dar ta' Falzun jarahom ijġibuh bħal üieħed ta'd-dar, ħass dejjem li kalb u moħħ dac iż-żaghżugh ma chienu xejn ta' irsir torc, iżda katt f'mitt sena ma ghaddielu minn ġo rasu li ġo'l vini ta' Hamid chien jiġri id-demm malti ta' Falzun ucoll.

F'dakka üaħda ħassu jinġibed lejh üisk actar milli chien kabel; feħem li fuk ras dac l-imsejchen żaghżugh chien is-seüüeb, bla ma chellu xejn ħtija, l-imrar l-actar kalil li üieħed jista katt joħlom bih f'dina id-dinja chiefra u karrieka. Baka ħiemed u feġġ minnufih kuddiem moħħu l-aħrax Ambroġ li ried, imkar jaf li jħalli rasu taħt mannara, jitħallas minnu billi chien fehem li hu chien neüüel lil Cavalier De Saqueville l-oħtu Carmena biex üakghet dic it-tebgha hecc cherha fuk il familja tieghu.

«Ambroġ,» kal bejnu u bejn ruħu is-Sur Kalamias, «hemm bżonn li kabel naghlak ghajnejja jien ijcun jaf min hu dana Hamid u li hu demmu. Sa chemm ħajj jien Ambròġ, billi jġibni ħafna ma hux sejjer jatini il ghalja cbira li jekreduli minn ma düari, iżda nilghab ghonki li malli naghlak ghajnejja jien l-eüüel biċċa xoghol li jfittex jaghmel tcun sgur dic li jħaüülu f'kiegh ta' ghalka bla ma jintebaħ ħadd chif u minn min. Billi ħsibt fih biex ma jcun jonksu xejn ma hux b'iż-żejjed, jinħtieġ li fl-erba t-ijiem li bakaghli nara chif naghmel u nlakkaghhom flimchien biex inħabbibhom bħal kabel. Sa chemm ma jirnexxilix dana ma nsibx tasseü mistriħ....» u b'ħafna tlugh u nżul bħal dan ġo rasu kaghad jitħasseb chif jibda jaghmel f'il ħin li Hamid, jitbecca u jbus id-domna ta'l Madonna, baka bla cliem xejn b'rasu imghaddsa, b'il kiegh-da ħdejh.

Fl-aħħar is-Sur Kalamias üakkaf kaddu donnu ħa ferħa cbira u talab lil Hamid biex ijmur ijghid lil Patri Damjan li xtiek ijchellmu bla telf ta' żmien xejn. Ghad li chien ghoddu dalam Hamid ħareġ ħafif daks liebru biex jaghmel dac li kallu ix-xüejjaħ Kalamias; biss baża li il Patri issa jċanfru talli mar ġa peċlak il ġrajja collha li sama minn ghandu. Iżda rabba ir-ruħ u chif chien ġejj jüassal lil Patri Damjan, biex ma jħallihx jitħasseb fuk dac li sata jinkala żerżaklu, b'il beż-gha dac li chien ghadda bejnu u bejn is-Sur Kalamias. Patri Damjan ġibed nifs kaüüi, rattab il mixi, u kallu :

—«F'ħajjet Alla,... neħħejtli ghomma minn kalbi... jien dejjem xtakt ingharrfu b'collox... iżda ommoc chienet üid-dbitni li nuri lilec biss, u jien żammejt chelmti ta' kaddejj t'Alla li jien sa'l aħħar. Int rajc f'idejc u tista tghid lil min trid.... u ghamilt seüüa li ftaħt kalbec ma' dac ix-xüejjaħ ghax jisüielec aħjar. Chiecu chien haün ommoc ma chienetx iċċanfrec ghal dac li ghamilt sgur, u mela chif nista katt inċanfrec jiena ghad li cont üiddibtec li ma ghandec turi il ħadd ?...» u chif temm dana il cliem sab ruħu tiela it-taraġ ta's-Sur Kalamias ġa imħeji ghal dac li chien sejjer ijghidlu.

Hamid, ghad li fuk kalbu, ħareġ biex ijħallihom üieħidhom u tebak il bieb üarajh; u ħalli ma jarax iż-żmien tüil niżel jati titüila lil Sidor, li chien ġmielu kieghed jitliegheb f'il benniena bla ma katt sata jobsor li la jicber xi ħadd chien ghad ijrid ijnicchitlu kalbu ucoll u jdemmaghlu ghajnejh bi ġrajja xejn ankas ta' nichet minn dic li ġerħet issa is-sider żaghżughi ta'l imsejchen Hamid.

Is-Sur Kalamias fieħem lil Patri Damjan x'chien il biża u x'chienet ix-xeüka tieghu. Il Majjistru kallu li chien jaħsibha bħalu, u li ma chellhomx żmien x'jitilfu biex dac li chien ghar-raghan ma jbieghuhx. Üara li damu jtellghu u jniżżlu ghal siegha sħiha bakghu li l-aghda, x'ħin ijcun hemm Patri Damjan, is-Sur Kalamias chellu jibghat ghal Ambroġ u jaraü chif jaghmlu biex ijdaüüruh u jġieghluh jaħfer darba ghal dejjem in-nukkas ta' Hamid u jarġghu jdaħħluhom dam-ma ma' xulxin bħal ma chienu kabel. Patri Damjan, billi chien dalam b'ommu u b'missieru, parpar lejn il Cunvent u Hamid biex ma jħallihx ijmur üaħdu, üasslu sa'ċ-cella.

Meta Hamid raġa üasal ghand is-sur Kalamias sab hemm lil Rużanna ma' Gaüci u ma' Marija ghaliex f'loc li jokoghdu maghlukin f'il palazz üieħidhom chienu jkattghu actarx il-lejla ghandu. Biss dic inhar intebħu li ix-xüejjaħ ma chienx f'sictu u li chellu xi ħsieb tkil li chien kieghed ijħaüüadlu moħħu. Staksihom ghal Ambroġ u üieġbuh li chien mar Selmun jagh-mel ir-ronda ma' Ġusepp ta' Luka u ma' Ġannicol bħal dari. Biss billi is-Sur Kalamias chien ijħobbu ħafna u chien sicüit jieħu ħsiebu xejn ma intebħu ghala ghamlilhom dic il mis-toksija. Fl-aħħar dar fuk Rużanna u talabha biex tghidlu li l-aghda f'x'id-disgha ta' f'il ghodu, chellu bżonn ijchellmu senzaltru. Bint il Hachem üieġbitu li takdih b'il kalb col-lha u bakghu jitħaddtu sa daħal il-leil seüüa u inġabru lejn djarhom.

Rużanna malli sebaħ, kalet lil Ambroġ dac li xtak is-Sur Kalamias, u dana fittex libes biex ma jħallihx jistenna u biex jara x'inkala m'il ġdid. Iżda x'ħin üasal hemm sab saram li jbicchi.

Ix-xüejjaħ chien ilu ħafna ġranet ma jħossu xejn fiha u cullħadd chien mela rasu li ma jdumx ma jimbaram imħabba f'il marda kalila ta'l kalb u il ħafna snin il chellu fuk daħru. B'il ghajdud u il ħsieb ta' dic il praspura katta leji ħażin ħafna u ma tebakx ghajn ma' ghajn. F'il ghodu sebaħ bi ktiegh ta' nifs li jbażża u malli daħal Patri Damjan, u raħ f'dic is-sura, kalbu ħabbritu li is-sieghat ta' dac il bniedem ħanin chienu tasseü maghduda. Chien fuk ix-xüiec li jfittex ijfeġġ Ambroġ u ghalhecc malli daħal feraħ bih bla tarf ghax chien ilu ġmieghi sħaħ ma jarah u tarraflu x'chienet ix-xeüka cbira, l-aħħar üaħda, ta's-Sur Kalamias.

*(Jissocta)*

# THE BRITISH CONFECTIONERY

## 16F STRADA FLEUR-DE-LIS 16F

## BIRCHIRCARA.

Ngharrfu lil clientela taghna illi dana id-depost ta'l ħelu ma ghadux izjed fil Vallone-Birchircara, imma m'il-lum il kuddiem jinsab ghal cumdità ta' cullħadd fi Strada Fleur-de-lis No. 16F, (kuddiem li' Stazjon ta'l Ferrovija.)

Jinsab armat pulit, nadif u fornit b'cull xorta ta' Gallettini, Perliri, Cioccolati, Mustardini u minn cull xorta ta' ħelu ieħor.

Jinsab ucoll Sapun ta's-Sunlight u ta'l Carbolic u lamtu, Cocotina u oggetti oħra, li jinbighu l'a ngrossa, bl'uzin u bl-imnut ucoll.

Inservu bl'ahjar TE' ta' «Ceylon» li hu ippremjat b'bosta midalji ghall qualità superjuri tieghu.

Collox frisc, fin u garantit Inservu lill ħuienet ta'l Belt u ta'l Campanja, ta' Malta collha, u il prezzijiet huma moderati tasseŭ. Ippruvaŭ u taraŭ il verità.

GIUSEPPE FENECH & Co.—Proprietarji.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta No. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il ahjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

*Sejjer Johrog'*

# IR-RUH NISRANIJA KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT

## SIEGHAT TA' ADORAZJONI

TA'L

## CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.

TA GHAŬDEX.

Dina l-eŭŭel taksima ta' dana il ctieb tant sabiħ u meħtieġ ghal min ijrid ijsalva ruħu sejjra toħroġ gha't-tieni darba billi l-eŭŭel ħarġa inħatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Billi ħafna talbu lill imfaħħar chittieb b'il malti Can: Vella dana tħajjar jiġbor l-imsieħbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa joħroġha. Ma dac li chien fiħ kabel bi ħsiebu jżid xi ħaġ' oħra. Jcun ijkum XELIN U ERBA SOLDI mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieħeb actar. Il-legat u indurat xelin u ghaxar soldi: Min jissieħeb fi tnax il copja jieħu uaħda oħra b'xejn.

Min ijrid jissieħeb jista jicteb ucoll lili jeŭ lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Ghaŭdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

Min ijrid jixtri macna ta't-tħin u ta'l ghaġin moderna *uso Napoli* jmur fejn hi kieghda, Strada Reale, No. 10, f'Ħa'ż-Żebbuġ.

# TÈ TA CEYLON 'MARAVILLA'

## IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

## JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &ec.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

## BRITANNIA

---

Biex tinzammu b'sahhitcom

# IPPURIFICAU BIDDLU u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daŭc collha li jridu jiccuraŭ rŭieħhom u jinżammu dejjem b'saħhitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeŭ TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haŭn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 25. Il Belt.

---

Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L'ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A.Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
**267, STRADA REALE.**

---

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

---

MIN IJRID IJNADDAF IR-RAM JEŬ METALLI OHRA BI RHIS HAFNA, B'LUSTRU M'IL ISBAH U MINN GHAJR EBDA PERICOLU TA' HRUK GHALIEX MA FIHX NAFTA BHAL L-OHRAJN NIRRACCOMANDALU IL

## METAL POLISH "PHONIX"

LI JINBIGH GHAND L-ISPIŻŻJAR ALFREDU CUMBO TA' STRADA REALE, KUDDIEM IL CLUB, IL BELT, GHALIEX META IPPRUVAJTU SIBTU TAJJEB TASSEŬ, IRHIS U BLA PERICOLU LI TISTGHU TINHARKU BIH.

---

# IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is=seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

**Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.**

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**
TA' STRADA RJALI, TA'L BELT
**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX !**

---

In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.